MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2023

Appell Inferjuri Numru 94/2022 LM

**Alyasif Bhatti**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Identity Malta Agency**, [hawnhekk 'l-appellanta'], minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tal-24 ta' Ġunju, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] li permezz tagħha l-Bord laqa' l-appell tar-rikorrent **Alyasif Bhatti** [hawnhekk 'l-appellat'].

**Fatti**

2. Ir-rikorrent kien qiegħed f'Malta abbażi ta' Permess Uniku sabiex jaħdem mas-soċjetà JPV Construction Limited, u dan il-permess kien validu għall-perijodu bejn l-1 ta' Marzu, 2021 u l-10 ta' Frar, 2022. Jirriżulta li l-impjieg tar-rikorrent ma' din il-kumpannija ġie tterminat fis-26 ta' Marzu, 2021, u għalhekk wara din id-data, il-permess ta' residenza tar-rikorrent ma baqax wieħed validu. Fit-23 ta' Lulju, 2021, l-intimata bagħtet ittra lir-rikorrent fejn infurmatu li l-permess ta' residenza tiegħu kien qiegħed jiġi revokat u dan ladarba l-impjieg tiegħu ġie tterminat. Ir-rikorrent ġie infurmat ukoll li huwa kellu jħalli Malta hekk kif isib il-mezzi biex iħalli jagħmel dan. Ġie nfurmat ukoll li kemm il-Permess ta' Xogħol kif ukoll il-Permess ta' Residenza maħruġa f'ismu ma kinux għadhom validi, u għalhekk f'każ li jagħżel li jibqa' f'Malta wara l-perijodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-ittra mibgħuta lilu, huwa kien ser jitqies li qiegħed jikser l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta). Jirriżulta wkoll li fl-24 ta' Jannar, 2022 ir-rikorrent applika mill-ġdid għal Permess Uniku, jiġifieri aktar minn disa' xhur wara li l-impjieg tiegħu ġie tterminat. Permezz ta' ittra mibgħuta lir-rikorrent fit-28 ta' Frar, 2022, l-intimata infurmat lir-rikorrent li l-applikazzjoni tiegħu ma kinitx qiegħda tiġi aċċettata, u dan għaliex huwa ma kienx konformi mad-disposizzjonijiet tar-Regolament 8 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, u dan wara li ġie stabbilit li meta huwa ntavola l-applikazzjoni tiegħu, huwa kien qiegħed f'Malta illegalment. Ir-rikorrent għalhekk intalab iħalli Malta u ż-Żona Schengen minnufih.

3. Ir-rikorrent ressaq appell mill-imsemmija deċiżjoni fid-19 ta' Frar, 2022, fejn talab lill-Bord jikkonsidra mill-ġdid d-deċiżjoni tal-intimata. Ir-rikorrent spjega li qabel ma ippreżenta l-applikazzjoni sabiex ikun jista' jaħdem ma' Brands Project Limited, huwa kien ilu sena u xahrejn impjegat mas-soċjetà JPV Construction Limited bħala ħaddiem fil-kostruzzjoni. Qal li meta huwa ġie offrut impjieg b'kundizzjonijiet aħjar, ħa ħsieb jissottometti d-dokumenti għal *change of employer* sabiex ikun jista' jibdel l-impjieg tiegħu u jirregolarizza s-sitwazzjoni tiegħu f'Malta. Qal li wieħed mid-dokumenti li ntalab jipprovdi kien l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg maħruġa minn JobsPlus. Qal li huwa ħa ħsieb jissottometti d-dokumenti kollha lill-prinċipal il-ġdid sabiex dan ikun jista' jippreżenta l-applikazzjonijiet relattivi f'ismu, iżda dan ħa aktar żmien milli kien maħsub, u ppreżenta l-applikazzjoni f'isem ir-rikorrent madwar ħames xhur wara. Qal li dan ma kienx dovut għal xi negliġenza min-naħa tiegħu, iżda minħabba n-negliġenza ta' min kien ser jimpjegah, u għalhekk huwa m'għandux jiġi kkastigat għal xi ħaġa li ma kinitx fil-kontroll tiegħu. Ir-rikorrent qal li l-Bord għandu jikkonsidra mill-ġdid id-deċiżjoni mogħtija mill-intimata, partikolarment minħabba l-konsegwenzi li huwa ser ikollu jsofri jekk l-applikazzjoni tiegħu ma tiġix ipproċessata. Ir-rikorrent qal ukoll li l-ittra mibgħuta lilu minn Identity Malta għandha titqies li hija nulla għaliex fiha m'hemmx spjegat ir-raġunijiet għalfejn l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata, u dan bi ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif protett taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Qal li għalhekk huwa ġie mċaħħad mill-possibilità li jifhem l-estent tad-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tiegħu, u tpoġġa f'pożizzjoni żvantaġġata meta ġie biex jiddefendi ruħu dwar il-fatti tal-każ. Qal ukoll li l-intimata naqset milli tinfurmah bid-dritt ta'

appell fi żmien tliet ijiem mid-deċiżjoni tagħha, bi ksur tad-dritt tiegħu għal rimedju effettiv taħt il-Konvenzjoni Ewropea, u dan għaliex huwa ma ġiex mgħarraf bid-drittijiet u r-rimedji li toffrilu l-liġi. Ir-rikorrent qal li l-intimata naqset milli tagħti r-raġunijiet għalfejn huwa għandu jiffaċċja l-qgħad, u dan meta huwa kien diġà spiċċa f'sitwazzjoni fejn tilef l-impjieg tiegħu, iżda rnexxielu jsib impjieg alternattiv. In vista ta' dan kollu spjegat, ir-rikorrent talab lill-Bord jikkonsidra mill-ġdid il-fatti tal-każ tiegħu.

4. L-intimata wieġbet li permezz ta' ittra mibgħuta minnha fit-28 ta' Frar, 2022, hija nfurmat lir-rikorrent li l-applikazzjoni tiegħu kienet qiegħda tiġi rifjutata, u dan għaliex huwa ma kienx residenti f'Malta legalment *ai termini* tas-sub-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. Qalet li minkejja li r-rikorrent ingħata Permess Uniku ta' Xogħol fit-2 ta' Marzu, 2021, fis-26 ta' Marzu, 2021 l-impjieg tiegħu ġie tterminat u għalhekk il-Permess Uniku li kellu ma baqax validu. L-intimata qalet li r-rikorrent beda l-proċess ta' sottomissjoni ta' applikazzjoni ġdida għal Permess Uniku ieħor fl-24 ta' Jannar, 2022, u għalhekk kienu għaddew aktar minn disa' xhur minn meta l-impjieg tiegħu ġie tterminat. Qalet ukoll li minkejja li kien hemm it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent, hija kkonċediet perijodu ta' għaxart ijiem sabiex ir-rikorrent jagħraf jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu, iżda r-rikorrent naqas milli jippreżenta applikazzjoni mill-ġdid f'dan il-perijodu ta' għaxart ijiem, u għalhekk kull soġġorn tiegħu f'Malta wara din id-data kien wieħed illegali. L-intimata qalet li minflok ir-rifjut tal-applikazzjoni tar-rikorrent, hija għamlet eżerċizzju ta' verifika mal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni bil-ħsieb li tirregolarizza s-sitwazzjoni tar-rikorrent, iżda wara li saru l-verifiki kollha neċessarji, dan iddeċieda li s-sitwazzjoni tar-rikorrent ma kellhiex tiġi regolarizzata.

## **Id-Deċiżjoni Appellata**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-24 ta' Ġunju, 2022, il-Bord iddeċieda li l-appell ippreżentat mir-rikorrent għandu jiġi milqugħ, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*1. **Preliminary***

*The Board:*

- *Saw that in virtue of a decision issued by Identity Malta Agency on 28th February, 2022, the appellant was informed that the relative application for a Single Permit had been rejected as the appellant was not in conformity with the dictates of Regulation 8 of S.L. 217.17;*
- *Saw the appellant's appeal; and*
- *Saw the reply filed by Identity Malta Agency on 16th March, 2022.*

*2. **Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principles which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal **Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et** (decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Agency filed a reply in which it explained that the appellant's Single Permit had expired on 26th March 2021. It stated that the appellant then applied for a fresh Single Permit on 24th January 2022. There was no evidence that in the intervening period he had a valid permit for some other form of authorisation to stay in Malta.*
*The Board saw that the essence of the appellant's appeal was that his prospective employer, Brand Projects Limited, took longer than expected to initiate the application process through the Agency's online portal. He stated that the prospective*

*employer took five months to start and in the meantime, continually claimed that all was fine and that the appellant would soon receive his permit.*

*The Board observed that whereas the appellant stated that the prospective employer was Brand Projects Limited, the Agency's decision indicates that the prospective employer was KAAF Limited.*

*In support of the appeal, the appellant produced, inter alia, a screenshot from the Agency's online portal which indicates clearly that Brand Projects Limited is the prospective employer.*

*The Board notes that it is seeing dozens of cases in which prospective employers take far too long to submit the necessary paperwork to Identity Malta Agency, resulting in appellants ending up illegally present. The Board is recognising that such conduct is more often than not, the sole fault of the prospective employer. This Board's function is not simply to apply the law, but to do so justly. It would, therefore, be unjust to penalise the appellant for the faults of another.*

***3. Decision***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board revokes the Agency's decision and accepts the appellant's appeal.*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

## L-Appell

6. L-intimata ressqet appell mid-deċiżjoni appellata fl-4 ta' Lulju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti tħassarha u tirrevokaha u li tikkonferma d-deċiżjoni tal-intimata tat-28 ta' Frar, 2022.

7. L-appellanta spjegat illi minkejja li l-permess ta' residenza tal-appellat kien validu sal-10 ta' Frar, 2022, l-impjieg tiegħu ma' JPV Construction Limited ġie tterminat fis-26 ta' Marzu, 2021, u għalhekk wara din id-data l-permess ta' residenza tal-appellant ma baqax validu. L-appellanta qalet li kien biss fl-24 ta' Jannar, 2022, li l-appellat issottometta applikazzjoni għal Permess Uniku ġdid

sabiex jaħdem ma' KAAF Limited. L-appellanta spjegat li min-naħa tagħha hija għamlet il-verifiki neċessarji, u rriżulta li fil-mument li għamel l-applikazzjoni tiegħu, l-appellant kien jinsab f'Malta illegalment, u dan billi meta ppreżenta l-applikazzjoni tiegħu huwa kien ilu madwar għaxar xhur mingħajr impjieg. Qalet li għalhekk hija ma kellha l-ebda għażla għajr li tiċħad l-applikazzjoni tal-applikant. Qalet ukoll li hija m'għandhiex il-mansjoni li tirregolariza l-pożizzjoni illegali tal-immigranti, iżda hija xorta waħda resqet quddiem l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni b'dan il-każ, u talbitu jikkonsidra jekk il-pożizzjoni tal-appellat setgħetx tiġi regolarizzata. L-appellanta qalet li l-Bord kien żbaljat fid-deċiżjoni tiegħu għaliex għamel apprezzament żbaljat tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 u tad-data tal-applikazzjoni.

8. L-appellanta qalet li hija ma setgħetx tilqa' l-applikazzjoni tal-appellat *ai termini* tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, liema liġi ttrasponiet id-Direttiva 2011/98/UE dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru, liema Direttiva tipprovdi li l-applikant irid ikun qiegħed jirrisjedi legalment fl-Istat Membru sabiex jissottometti applikazzjoni. L-appellanta qalet li hija m'għandhiex il-mansjoni li tirregolarizza l-pożizzjoni irregolari tal-applikant, u kien għalhekk li kkomunikat mal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u ressqet il-każ quddiemu. L-appellanta qalet li hija ma setgħetx tipproduċi xhieda sabiex tikkonferma dan għaliex l-Bord ma għamel l-ebda smigħ orali.

9. L-appellanta qalet li ladarba jirriżulta li l-applikazzjoni ġiet ippreżentata minn ċittadin ta' pajjiż terz li jinsab hawn Malta illegalment, u peress li la l-liġi Maltija u lanqas id-Direttiva Ewropea 2011/98/UE ma jagħtu eżenzjoni minn din ir-regola, hija kienet korretta meta ma aċċettatx l-applikazzjoni tal-appellat. Qalet li l-Bord donnu li tħassar lill-appellat peress li l-applikazzjoni ddaħħlet tard minħabba negliġenza da parti tal-prinċipal prospettiv. Qalet li l-liġi hija ċara u tistipula li l-applikant huwa l-individwu u mhux il-prinċipal prospettiv, u għalhekk hija responsabbiltà taċ-ċittadin tal-pajjiż terz u mhux tal-prinċipal prospettiv li jara li tiġi ppreżentata l-applikazzjoni. L-appellanta qalet li mhijiex il-mansjoni tal-Bord li jsalva l-applikazzjonijiet, iżda l-Bord huwa tenut japplika l-liġi bl-istess mod fil-konfront ta' kull applikant.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

10. L-appellat wieġeb li huwa kien impjegat mas-soċjetà JPV Construction Limited bħala *construction labourer,* u kien ġie offrut xogħol aħjar ma' kumpannija oħra. Qal li għalhekk huwa ġabar id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa, u għaddieha lill-prinċipal prospettiv sabiex dan iħejji l-applikazzjoni relattiva f'ismu, iżda min-naħa tiegħu dan mela u ppreżenta din l-applikazzjoni tardivament. Qal li kien dan li wassal lill-appellanta biex tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu. L-appellat qal li din hija qorti ta' reviżjoni, u għalhekk l-appellanta m'għandhiex titħalla tippreżenta evidenza ġdida li ma tressqitx quddiem il-Bord. Qal ukoll li l-appellanta naqset milli tippreżenta rikors sabiex titlob li tiġi appuntata seduta għas-smigħ sabiex rappreżentant tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jagħti x-xhieda tiegħu. L-appellat qal li l-appellanta naqset milli

tgħid li bis-sistema *online* adoperata minnha, l-applikant jiġi eskluż mill-proċess tal-applikazzjoni, u jkun imġiegħel jiddependi fuq il-prinċipal prospettiv tiegħu. L-appellat qal li għalhekk huwa spiċċa jiddependi għal kollox fuq il-prinċipal prospettiv tiegħu, u issa ser jispiċċa jbati minħabba n-nuqqasijiet ta' ħaddieħor. Qal ukoll li dan kollu ġie rikonoxxut mill-Bord fid-deċiżjoni tiegħu. Żied jgħid li huwa kien ta' sikwit jistaqsi lill-prinċipal prospettiv dwar l-applikazzjoni tiegħu, u dan kien jgħidlu li kollox kien sew, meta dan ma kienx il-każ, u għalhekk l-appellat spiċċa f'pożizzjoni ta' preġudizzju irrimedjabbli. Qal li l-Bord kellu l-obbligu li japplika l-liġi skont il-persważjoni tiegħu u abbażi tar-riżultanzi fattwali tal-każ.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, u dan fid-dawl tas-sottomissjonijiet magħmulin mill-appellat u ta' dak li qal il-Bord fid-deċiżjoni appellata. L-aggravju ewlieni sollevat mill-appellanta huwa li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, u dan għaliex fil-fehma tal-appellanta, l-appellat ma kienx jinsab leġittimament fit-territorju ta' Stat Membru meta ssottometta l-applikazzjoni tiegħu għal Permess Uniku. L-appellanta tisħaq li ladarba l-impjieg tal-applikant ġie tterminat, il-Permess ta' Xogħol u ta' Residenza li kellu l-appellat ġew invalidati u għalhekk wara li l-appellanta kkonċediet lill-appellat perijodu ta' għaxart ijiem sabiex isib impjieg alternattiv u jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu, l-appellat kien obbligat li jitlaq minn Malta. Kull soġġorn tal-appellat f'Malta wara dak il-perijodu ta' għaxart ijiem kellu jitqies li huwa

wieħed illegali. L-appellanta saħqet li l-appellat ħalla disa' xhur jgħaddu biex issottometta l-applikazzjoni l-ġdida tiegħu, u li kien għalhekk li l-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda.

12. Fil-fehma tal-Qorti, il-kwadru tal-fatti kif spjegati mill-appellanta ma jagħmilx ġustizzja mal-fatti kif attwalment seħħew. L-appellat jgħid li huwa kien ilu impjegat mal-kumpannija JVC Limited għal perijodu ta' sena u xahrejn meta huwa biddel l-impjieg tiegħu biex ikollu kundizzjonijiet aħjar, u fil-fatt mill-provi esebiti, senjatament id-dokument tal-*employment history* maħruġ mill-Jobsplus, jirriżulta li l-appellat kien ilu impjegat ma' din il-kumpannija mid-9 ta' Marzu, 2020. Għaldaqstant l-impressjoni li ppruvat tagħti l-appellanta li l-impjieg tal-appellat ġie tterminat wara biss tliet ġimgħat, meta tgħid li l-Permess Uniku kien validu għall-perijodu bejn l-1 ta' Marzu, 2021 u l-10 ta' Frar, 2022, imma l-impjieg tal-appellat ġie tterminat fis-26 ta' Marzu, 2021, ma tagħtix stampa sħiħa tal-fatti. Mhuwiex ċar lanqas meta l-appellat beda l-impjieg tiegħu mal-prinċipal il-ġdid. Però li huwa ċert li f'każijiet bħal dawn, l-applikant jiddependi interament fuq il-prinċipal prospettiv tiegħu sabiex ikun jista' jmexxilu l-applikazzjoni mal-awtoritajiet. L-appellat spjega li minkejja li huwa ssottometta d-dokumenti kollha mitluba minnu, il-prinċipal prospettiv b'mod negliġenti naqas li jmexxilu l-applikazzjoni tiegħu fil-ħin, u issa huwa qiegħed jiffaċċja l-konsegwenzi ta' din in-negliġenza billi qiegħed jintalab iħalli l-pajjiż.

13. Il-Qorti tisħaq fuq id-dimensjoni umana ta' dawn il-każijiet u d-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom applikanti bħall-appellat meta jippruvaw jagħmlu pass għall-aħjar billi jsibu impjieg b'kundizzjonijiet aħjar u forsi b'salarju aħjar, iżda wara li jafdaw lill-prinċipal prospettiv biex jagħmel dan

f'isimhom, jindunaw li dan ma jkunx żamm kelmtu magħhom jew li l-applikazzjoni f'isimhom tkun saret b'mod tardiv. Huwa għal kollox fieragħ l-argument tal-appellanta li minkejja li l-applikazzjoni ssir mill-prinċipal prospettiv, l-applikant jibqa' l-individwu, għaliex l-individwu m'għandu l-ebda saħħa fuq l-applikazzjoni tiegħu stess, u ma jista' jagħmel xejn la biex jikkonforma mat-termini stipulati fil-liġi u lanqas biex jassigura li huwa ma jispiċċax jitqies li qiegħed f'Malta illegalment. Huwa fatt magħruf li l-aċċess għas-sistema *online* tal-appellanta huwa fdat interament f'idejn il-prinċipal prospettiv, u l-applikant m'għandu l-ebda aċċess għalih. F'każijiet bħal tal-appellat, il-Qorti tqis li l-fattur determinanti dwar jekk deċiżjoni appellata hijiex ġusta jew le, għandu jkun ir-raġonevolezza o meno tad-deċiżjoni mogħtija mill-appellanta, u d-dimensjoni umana tal-każ. Fil-każ tal-appellat, il-Qorti għandha quddiemha persuna li minkejja li ppruvat tikkonforma mar-regoli u mal-liġijiet applikabbli, min kien ser jimpjegaha ma mexiex b'konformità mat-termini stipulati mil-liġi. Mhux ġust jew raġonevoli li għal din in-negliġenza tal-prinċipal, il-konsegwenza tinġarr mill-applikant li qiegħed jintalab iħalli Malta u ż-Żona Schengen, imur lura fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu, u minn hemm imbagħad ikun jista' jissottometti applikazzjoni mill-ġdid. Huwa in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti qiegħda tiċħad l-aggravju tal- appellanta, u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Bord fl-intier tagħha.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tal-Bord fl-intier tagħha.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**